# FIL-PRIM AWLA TAL-QORTI ĊIVILI
# SEDE KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLEF
## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum, It-Tnejn 12 ta' Frar, 2024.**

**Kawża Numru 3**

**Rik Nru 146/2023 ISB**

**Il-Pulizija (Spettur Oriana Spiteri)**

**Vs**

**Ali Muuse Igaale**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**Referenza Kostituzzjonali** mgħoddija lilha mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-21 ta' Marzu 2023, u li permezz tagħha l-Qorti tal-Appell Kriminali rreferiet is-segwenti mistoqsija (magħmula bl-Ingliż peress illi l-proċeduri Kriminali qed jiġu kondotti bil-lingwa Ingliża) lil din il-Qorti:

> *"Whether appellant has sustained a violation under Article 1 of Protocol 1 of the European Convention on Human Rights and Article 37 of the Constitution of Malta due to an alleged disproportionality of punishment, legal arbitrariness and lack of judicial discretion as a result of Regulation 3(5)(b) of Subsidiary Legislation 233.07 of the Laws of Malta (Cash Control Regulations) which provides for a fixed pecuniary penalty for breach of the said Regulation."*

Rat id-digriet tagħha tat-3 ta' April 2013 li permezz tiegħu r-referenza ġiet appuntata għat-8 ta' Mejju 2023 fid-9:30a.m.

Rat ir-Risposta tal-Avukat tal-Istat intavolata fit-28 ta' April 2023 (fol 239).

Rat li fl-udjenza tal-15 ta' Mejju 2023, xehed l-Ispettur tad-Dwana Kirsten Paul Borg, li ppreżenta lill-Qorti rapport magħmul minnu (Dok KPB1, fol 247 sa fol 248).

Rat ukoll id-dikjarazzjoni tal-Avukat tal-Istat li ma kellux aktar provi x'jippreżenta u d-digiret tal-Qorti li bih iddikjarat illi l-provi tal-partijiet kienu ġew magħluqa.

Rat is-sottomissjonijiet estensivi tal-partijiet.

Rat li fl-udjenza tal-11 ta' Ottubru 2023, wara li semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet, il-kawża kienet differita għall-udjenza tal-lum għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Illi Ali Muuse Igaale kien akkużat fit-23 ta' Awwissu 2021 quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali talli fit-22 ta' Awwissu 2021 fid-

9:45am ġewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta ma ddikjarax mal-Kummissarju tat-Taxxa li kien qiegħed iġorr somma flus ekwivalenti għal għaxart elef Ewro (€10,000) jew aktar fi flus kontanti waqt li qed jitlaq minn Malta u dan bi ksur tar-Regolament numru 3 tar-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Flus (S.L. 233.07). Huwa rrisponda illi ma kienx ħati tal-akkużi.

Illi sena wara, kif jirriżulta mill-verbal tas-seduta tat-18 ta' Awwissu 2022 quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, ir-rikorrent, assistit minn żewġ Avukati, irreġistra ammissjoni.

Illi dakinhar stess, fit-18 ta' Awwissu 2022, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tat sentenza u kkundannat lill-istess Ali Muuse Igaale multa ta' ħamsa u tmenin elf, sitt mija u Ewro u erbgħin ċenteżmu (€85,601.40), mil-liema deċiżjoni hu appella quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Settembru 2022.

Illi r-rikorrent intavola rikors quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali sabiex issir referenza kostituzzjonali fuq żewġ binarji. Filwaqt li l-ewwel binarju kien dikjarat frivolu u vessatorju, il-Qorti tal-Appell Kriminali laqgħet it-talba fuq it-tieni binarju u dana wara li għamlet is-segwenti kunsiderazzjonijiet:

> *That as for <u>the second count for a constitutional reference</u> the appellant brings forward the argument that since the law, namely Regulation 3 of Subsidiary Legislation 233.07 of the Laws of Malta does not allow the Court any discretion with regards to the penalty to be meted out and provides for a "blanket pre-set fixed punishment" it creates a situation where an offender could end up losing much more money than that actually carried in excess of that allowed by law. Furthermore, even though the relevant law was remodelled following judgments of the Constitutional Court, the fact that this now provides for a fixed punishment still translates into an arbitrary, manifestly excessive and disproportionate punishment.*

*That this Court notes that in this case, the appellant, holder of a Somali passport, was apprehended with the amount of €160,000 during a screening procedure at Malta International Airport while intending to board a flight to Istanbul. The Court notes further that in accordance with Regulation 3(5)(b) of Subsidiary Legislation 233.07 of the Laws of Malta, since the amount carried by the appellant was in excess of €30,000 he was subject to a fixed penalty of 55% of the amount carried in excess of €10,000 plus a fine (multa) of €50 and it is precisely this provision of the law which appellant contends to be in breach of his fundamental human rights which is over and above the forfeiture of the amount of money carried in excess of the allowable €10,000.*

*That after having examined the above-mentioned Regulation together with Article 37 of the Constitution of Malta and Article 1 of Protocol 1 of the European Convention on Human Rights, this Court considers appellant's second request for a constitutional reference not to be frivilous or vexatious and that it merits to be referred to the First Hall Civil Court in its Constitutional competence in terms of Article 46(3) of the Constitution of Malta and Article 4 of Chapter 319 of the Laws of Malta.*

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi min-naħa tiegħu l-Avukat tal-Istat, jissottometti li m'hemmx leżjoni tad-drittijiet sanċiti mill-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Isostni li f'dan il-każ m'hemmx leżjoni tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni minħabba l-fatt li l-Gvern ta' Malta ma ħax pussess ta' flus ir-rikorrent b'mod obbligatorju jew mandatorju. Fir-rigward tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni

Ewropea, l-Avukat tal-Istat jikkontendi li l-istess artikolu jipprovdi għal sitwazzjoni fejn ikun hemm privazzjoni jew kontroll fuq it-tgawdija ta' proprjetà jekk dan ikun skont il-liġi u fl-interess pubbliku. F'dan ir-rigward ir-regolament in kwistjoni jistabbilixxi miżura leġittima meħuda fl-interess pubbliku fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-iffinanzjar tat-terroriżmu u għalhekk tilħaq bilanċ billi l-piena hija proporzjonali għas-serjetà tar-reat.

Jissottometti li, kuntrarju għal dak li qiegħed jingħad mir-rikorrent, il-piena mposta mir-Regola 3(5)(b) tal-Liġi Sussidjarja 233.07 mhix waħda fissa u dejjem l-istess iżda hija maħduma bħala persentaġġ ta' ħamsa u ħamsin fil-mija (55%) tas-somma li tkun teċċedi l-għaxart elef Ewro (€10,000) flimkien ma' multa ta' ħamsin Ewro (€50). Għalhekk, l-argument li l-ammont tal-multa jista' jeċċedi l-ammont ta' flus fil-pussess tal-individwu huwa matematikament fażull. Mill-banda l-oħra l-persentaġġ ta' ħamsa u ħamsin fil-mija (55%) huwa deterrent u ma tkunx tagħmel sens li jkun hemm multa li tant hi baxxa li ma sservix ta' deterrent milli jitwettaq ir-reat.

Jikkontendi li m'hemmx arbitrarjetà f'tali proċeduri u dana minħabba li l-limiti u l-kalkulazzjonijiet kif stabbilita mil-liġi nnifisha jikkreaw ċarezza u l-arbitrarjetà anzi tirriżulta jekk kemm-il darba ma jkunx hemm konsistenza bejn każijiet ta' din in-natura.

Bħala punt finali, l-Avukat tal-Istat jissottometti li jekk kemm-il darba din il-Qorti, *dato ma non concesso*, issib li r-Regolament 3(5)(b) tal-Liġi Sussidjarja 233.07 jikkostitwixxi leżjoni tad-dritt fundamentali in kwistjoni, din il-Qorti ma tistax tipprovdi rimedju imma għandha biss twieġeb il-mistoqsija li saritilha tramite r-referenza kostituzzjonali.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Fix-xhieda tiegħu, l-**Ispettur tad-Dwana Kirsten Paul Borg** jgħid li hu jaħdem fid-Dipartiment tad-Dwana u x-xogħol tiegħu hu li jwettaq kontroll fuq flus kontanti meta persuni jkunu deħlin jew ħerġin minn Malta u jaħdem ukoll fit-taqsima kontra l-ħasil ta' flus fi ħdan id-Dipartiment tad-Dwana.

Mistoqsi dwar il-proċedura dwar il-prevenzjoni tal-ħasil ta' flus meta persuna dieħla jew ħierġa mill-pajjiż, hu jgħid li meta persuna tkun qed iġġorr fi flus kontanti somma li teċċedi l-għaxart elef Ewro (€10,000) din għandha tkun iddikjarat mad-Dwana billi timtela' l-formula relattiva. Jikkjarifika li ma hemmx limitu ġialadarba l-formula rikjesta timtela. Jispjega li meta d-dikjarazzjoni ma timtelix, id-diviżjoni kontra l-ħasil tal-flus fi ħdan il-Pulizija tkun infurmata u l-persuna tkun arrestata, is-somma ta' għaxart elef Ewro (€10,000) tingħata lura lil persuna, mentri s-somma li teċċedi dan tiġi depożitata mal-Kummissarju tat-Taxxa.

Mistoqsi kif isiru l-kontrolli, ix-xhud jispjega li dawn isiru *at random* u bl-għajnuna tal-klieb imħarrġa li jxommu u jindikaw il-preżenza tal-flus kontanti.

Fir-rigward tal-kaz partikolari, huwa jispjega li fit-22 ta' Awwissu 2021, għal ħabta tal-9:45 ta' fil-għodu hu u l-kollega tiegħu Shirley Caruana kienu qed jagħmlu l-kontrolli fuq passiġġieri li kienu sejrin lejn Istanbul bl-għajnuna tal-kelba Sophie u l-*handler* tagħha Silvio Agius. Silvio Agius informa lix-xhud li l-kelba Sophie kienet indikat li Ali Muuse Igaale kien qiegħed iġorr flus kontanti. Għalhekk ir-rikorrenti ġie mistoqsi dwar l-ammont ta' flus kontanti li kien qiegħed iġorr u r-rikorrent infurmahom li kien qiegħed iġorr s-somma ta' elf u sitt mitt Dollaru Amerikan (USD 1,600). Minn hemm ġie skortat fl-uffiċju tad-dwana u ngħata ordni biex jippreżenta l-flus kontanti kollha li kien qiegħed iġorr. Ix-xhud ipprovda spjegazzjoni dettaljata tal-flus kontanti li ġew ippreżentati li kienu jammontaw għas-somma ta' tmint elef, ħames mija u tmenin Ewro (€8,580), elfejn, mitejn u ħamsa u tletin Dollaru Amerikan (USD 2,235) u ħames (5) Turkish Lira, li flimkien jammontaw għall-ekwivalenti ta' għaxart elef, ħames mija u tmienja u erbgħin Ewro (€10,548) skont ir-rati tal-kambju tat-22 ta' Awwissu 2021.

Huwa jispjega li r-rikorrent kien imbagħad mistoqsi jekk kienx qed iġorr aktar flus kontanti u wieġeb fin-negattiv. Wara li saret din id-dikjarazzjoni, ingħataw struzzjonijiet lit-Turkish Airlines sabiex jirrilaxxaw il-bagalji li ġew *checked-in* u meta saret tfittxija fil-bagalja nstab l-ammont kumplessiv ekwivalenti ta' mija u ħamsa u sittin elf, ħames

mija u tmienja u erbgħin Ewro (€165,548). Sussegwentement il-linja Turkish Airlines ngħatat struzzjonijiet ma tiħux lil Igaale fuq it-titjira u l-uffiċjali tad-dwana Alfred Tabone u Danica Fenech kienu msejħa sabiex jassistuh u jeskortawh lejn l-uffiċji tad-Dwana fl-*Arrivals*. Saret tfittxija fuqu minn fejn ma rriżulta xejn u għalhekk Igaale ngħata s-somma ta' għaxart elef Ewro (€10,000) u l-kumplament tal-flus kontanti ġew miżmuma f'*deposit bag* appożitu. Sussegwentement ġiet infurmata t-Taqsima tal-Pulizija dwar il-Ħasil tal-Flus u s-Surġent Brian Agius flimkien mal-Kuntistabbli Gerald Vella u Fabienne Maholovic ġew fuq is-sit u arrestaw lil Igaale.

Ix-xhud ippreżenta lill-Qorti rapport dwar x'ġara fil-jum in kwistjoni li l-Qorti ħadet konjizzjoni tiegħu.

Mistoqsi jekk il-proċedura li mxew biha hiex skont il-liġi Maltija jew dik tal-Unjoni Ewropea, ix-xhud jikkonferma li hija proċedura riżultat tal-Liġi tal-Unjoni Ewopea 1672/2018 li jimxu magħha l-istati li jinsabu fiż-żona Schengen kollha.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi mis-**sottomissjonijiet** magħmula mill-partijiet il-Qorti tislet is-segwenti:

Fis-sottomissjonijiet tiegħu, Ali Muuse Igaale jissottometti li l-kwistjoni tikkonċerna l-fatt li l-Liġi Sussidjarja 233.07 ma tistabilixxix parametri tal-piena iżda tikkreja piena li hi pre-fissa u stabbilita li ma tagħtix lok għad-diskrezzjoni tal-ġudikat, ma tikkunsidrax il-gravità tar-reat u fatturi aggravanti oħra li normalment il-ġudikant jiżen sabiex jasal f'piena ġusta u proporzjonali li tirrifletti b'mod ekwu s-serjetà tar-reat.

Jispjega li qabel ma ġie introdott ir-regolament attwali, Malta kellha reġim li kien aktar strett li ġie ddikjarat leżiv għad-drittijiet fundamentali permezz ta' numru ta' sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali[1]. Minkejja dan, isostni li l-pożizzjoni legali kif ġiet modifikata

[1] Ir-rikorrenti jirreferi għad-deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali: **The Police v. Omar Azumi** deċiża fit-30 ta' Ġunju 2021, **Jason James Agius v. Avukat Ġenerali** deċiża fis-6 ta' Ottubru 2020, u **Il-Pulizija v. Ahmed Alhadi Khalleefah Suwah** deċiża fit-23 ta' Novembru 2020.

xorta waħda hija leżiva għad-dritt in kwistjoni u dana stante li l-piena hija waħda arbitrarja, manifestament eċċessiva u sproporzjonata u dana stante l-fatt li l-Qorti Kostituzzjonali waslet biex iddikjarat li l-liġi ma tagħtix diskrezzjoni lill-Qorti sabiex talloka piena li hi ġusta u proporzjonata, liema reġim ma ġiex irranġat.

Jissottometti li d-dritt tal-istat li jenforza liġijiet li jikkontrollaw il-proprjetà jrid jiġi eżerċitat b'mod li jirrispetta l-prinċipju tal-proporzjonalità. B'referenza għad-deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem fl-ismijiet **Sadocha vs Ukraine** deċiża fil-11 ta' Lulju 2019 u **Ismayilov vs Russia** deċiża fis-6 ta' April 2009, ir-rikorrent isostni li fil-każ odjern minkejja li hu kellu fuqu ammont konsiderevoli ta' flus kontanti, l-ebda prova ma nġiebet quddiem il-Qorti ta' oriġini illeċitu jew ta' kkawżar ta' danni serju.

Jispjega li r-Regolament 3 tal-Liġi Sussidjarja 233.07 kif inhu ma jagħti l-ebda lok lill-ġudikant meta jiġi biex jistabbilixxi l-piena u għalhekk la darba persuna tinsab ħatja t-tip u l-*quantum* tal-piena huma stabbiliti bil-liġi u ma tistax issir ebda deroga minnhom. Jikkontendi li dan huwa arbitrarju, eċċessiv u ma joħloqx il-bilanċ rikjest bejn l-interessi tas-soċjetà in ġenerali u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-akkużat, speċjalment in vista tal-fatt li l-Qorti hija prekluża milli tikkunsidra l-oriġini tal-flus maqbuda, l-intenzjoni malizjuża jew le tal-akkużat, il-ħsara li saret lill-Istat u l-ko-operazzjoni li jkun wera l-akkużat mal-awtoritajiet.

Isostni li l-liġi kif inhi toħloq kunflitt mal-Artikolu 14 tar-Regolament 2018/1672 tal-Parlament Ewropea u l-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-kontroll tal-flus meta dieħel u ħiereġ mill-Unjoni, li jistabbilixxi li l-pieni għandhom ikunu proporzjonali. In sostenn ta' dan jirreferi għad-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Gyrlyan v. Russia** deċiża fid-9 ta' Jannar 2019.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi min-naħa tiegħu l-Avukat tal-Istat jissottometti li l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni jikkonċerna d-deprivazzjoni tal-proprjetà fis-sens ta' esproprjazzjoni u ma jinkludix fil-parametri tiegħu s-sitwazzjoni *de quo*. Isostni li l-fatt li l-artikolu ma jitkellimx dwar sitwazzjonijiet simili ma jfissirx li għandha tiġi mogħtija interpretazzjoni wiesa' li tinkludiha.

Fir-rigward tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, jissottometti li fejn jidħol ir-regolament in kwistjoni jeżistu kemm il-bażi legali u kemm l-għan leġittimu u għalhekk il-kwistjoni tikkonċerna l-proporzjonalità tal-miżura.

Jirreferi għad-differenzi bejn ir-reġim l-antik fejn is-somma ta' flus kontanti kienet tiġi kkonfiskata fl-interità tagħha u r-reġim il-ġdid fejn tiġi kkonfiskata s-somma ta' flus li tkun teċċedi s-somma ta' għaxart elef Ewro (€10,000).

Fir-rigward tal-allegata arbitrarjetà, jikkontendi li m'hemm xejn arbitrarju fir-regolament *de quo* u dana stante li l-piena hija perfettament prevedibbli. In-nuqqas ta' diskrezzjoni tal-ġudikant teżisti preċiżament biex tikkumbatti l-istess arbitrarjetà u dana stante li r-reat in kwistjoni huwa wieħed sempliċi u identiku, u ċjoè dak li tidħol jew toħroġ mill-pajjiż bi flus kontanti aktar milli permess u għalhekk isostni li ma jistax jeżisti xenarju fejn żewġ persuni li jidħlu jew joħorġu minn Malta bl-istess ammont ta' flus kontanti fil-pussess tagħhom jingħataw żewġ pieni differenti, u b'hekk tiġi assigurata wkoll il-konsistenza fil-proċess ġudizzjarju. Jesprimi d-dubji tiegħu għall-argumenti tar-rikorrent li l-Qorti għandha tqis il-leġittimità tal-oriġini tal-flus.

Isostni li r-regolament *de quo* huwa konformi mar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) 2018/1672, fuq ċitat, stante li l-piena in kwistjoni jrid ikollha l-effett li tkun deterrent.

Fir-rigward tal-oriġini tal-flus, jispjega li l-piena *de quo* hija marbuta mar-reat in kwistjoni u mhux piena li taggrava piena oħra. Barra minn hekk, il-kwistjoni tal-oriġini tal-flus tiġi indirizzata b'mod separat waqt li l-flus ikunu konfiskati u jekk kemm-il darba jirriżulta li s-sors huwa leġittimu jistgħu jiġu utilizzati sabiex titħallas l-istess multa.

Oltre minn hekk, jikkontendi li r-referenza kostituzzjonali hija prematura stante li l-proċess kriminali għadu mhux konkluż minħabba n-nuqqas ta' konferma da parti l-awtoritajiet jew tar-rikorrent innifsu dwar jekk is-sors tal-flus hux wieħed leġittimu. Isostni li r-rikorrenti ammetta għall-akkużi u ma ġab ebda provi ta' dan quddiem din il-Qorti li jrendi r-referenza kostituzzjonali *de quo* f'domanda dwar jekk il-piena hiex disważiva jew le – jikkontendi li l-piena hija waħda disważiva iżda mhux sproporzjonata u dan in linja mal-prinċipju stabbilit fid-deċiżjoni **Shorazova v. Malta** deċiża fit-3 ta' Marzu 2022.

**Ikkunsidrat ulterjoment:**

Magħrufa s-sottomissjonijiet tal-partijiet, il-Qorti ser tgħaddi sabiex teżamina l-mertu Kostituzzjonali sabiex tiddeċiedi dwar id-domanda li ġiet magħmula lilha.

Id-domanda magħmula lil din il-Qorti tikkonċerna lill-akkużat fil-proċeduri llum quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali 518/2021NC, ċjoè, Ali Muuse Igaale u r-**Regolament 3(5)(b) tal-Liġi Sussidjarja 233.07 tal-Liġijiet ta' Malta** li jgħid testwalment hekk:

> *(b) Mingħajr preġudizzju għal dak provdut fis-subregolament (6), jekk is-somma msemmija fis-subregolamenti (1) u (3) li tkun dikjarata falza jew ma tkunx dikjarata, tkun ta' valur ta' aktar minn tletin elf euro (€30,000), il-Kummissarju għandu jżomm l-ammont li jeċċedi għaxart elef euro (€10,000), jew l-ammont kollu jekk il-flus mhux diviżibbli u jiddepożita fid-Depożitarju kif provdunt fis-subregolament (7) u l-persuna għandha, meta tinstab ħatja, teħel multa ekwivalenti għal ħamsa u ħamsin fil-mija (55%) tal-ammont miġjub li jeċċedi għaxart elef euro (€10,000) flimkien ma' multa oħra ta' ħamsin euro (€50).*

Igaale jallega li qiegħed isofri leżjoni tad-dritt sanċit bl-**Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni**, li l-partijiet relevanti tiegħu jgħidu s-segwenti:

> ***37***.*(1) Ebda proprjetà ta' kull xorta li tkun ma għandu jittieħed pussess tagħha b'mod obbligatorju, u ebda nteress fi jew dritt fuq proprjetà ta' kull xorta li tkun ma għandu jiġi miksub b'mod obbligatorju, ħlief meta hemm disposizzjoni ta' liġi applikabbli għal dak it-teħid ta' pussess jew akkwist –*

*(a) għall-ħlas ta' kumpens xieraq;*
*(b) li tiżgura lil kull persuna li tippretendi dak il-kumpens dritt ta' aċċess lil qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi sabiex jiġi deċiż l-interess tagħha fi jew dritt fuq il-proprjetà u l-ammont ta' kull kumpens li għalih tista' tkun intitolata, u sabiex tikseb ħlas ta' dak il-kumpens; u*
*(ċ) li tiżgura lil kull parti fi proċeduri f'dik il-qorti jew tribunal dwar pretensjoni bħal dik dritt ta' appell mid-deċiżjoni tagħha lill-Qorti tal-Appell f'Malta:*

*Iżda f'każijiet speċjali l-Parlament jista', jekk hekk jidhirlu xieraq li jagħmel fl-interess nazzjonali, b'liġi jistabbilixxi l-kriterji li għandhom jitħarsu, magħduda l-fatturi u ċ-ċirkostanzi l-oħra li għandhom jitqiesu, biex jiġi stabbilit il-kumpens li għandu jitħallas dwar proprjetà li jittieħed pussess tagħha jew li tiġi akkwistata b'mod obbligatorju; u f'kull każ bħal dak il-kumpens għandu jiġi iffissat u għandu jitħallas skont hekk.*

*(2) Ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma għandha tinftiehem li tolqot l-egħmil jew ħdim ta' xi liġi safejn tipprovdi għat-teħid ta' pussess jew akkwist ta' proprjetà –*

*(a) bi ħlas ta' xi taxxa, rata jew drittijiet;*
*(b) bħala penali għal, jew bħala konsegwenza ta' ksur tal-liġi, sew jekk bi proċeduri ċivilijew wara dikjarazzjoni ta' ħtija ta' reat kriminali;*
*(ċ) wara l-attentat ta' tneħħija tal-proprjetà barra minn jew ġewwa Malta bi ksur ta' xi liġi;*
*(d) bħala teħid ta' kampjun għall-finijiet ta' xi liġi;*
*(e) meta l-proprjetà tikkonsisti f'annimal meta jiġi misjubf'art ħaddieħor jew mitluf;*
*(f) bħala inċidentali għal kirja, liċenza, privileġġ jewipoteka, mortgage,dritt, bill of sale, pleġġ jew kuntrattieħor;*
*(g) bħala l-għoti jew l-amministrazzjoni ta' proprjetà għan-nom u għab-benefiċċju tal-persuna ntitolata għall-interess benefiċjarju fiha, proprjetà fi trust, proprjetà tal-għadu jew il-proprjetà ta' persuni dikjarati falluti b'sentenza jew xort'oħra dikjarati falluti jew insolventi, persuni ta' moħħ marid, persuni mejta, jew għaqdiet korporati jew mhux korporati fil-kors ta' stralċ jew likwidazzjoni;*
*(h) fl-esekuzzjoni ta' sentenzi jew ordnijiet ta' qrati;*

*(i) minħabba li tkun fi stat perikoluż jew ta' ħsara għas-saħħa tan-nies, annimali jew pjanti;*
*(j) bħala konsegwenza ta' xi liġi dwar il-preskrizzjoni ta' azzjonijiet, preskrizzjoni akkwiżittiva, artabbandunata, teżor misjub, manumorta jew id-drittijiet ta' suċċessjoni kompetenti lill-Gvern ta' Malta; jew*
*(k) għal dak iż-żmien biss sakemm ikun meħtieġ għall-finijiet ta' xi eżami, investigazzjoni, kawża jewinkjesta jew, fil-każ ta' art, l-egħmil fuqha –*
*(i) ta' xogħol ta' konservazzjoni ta' ħamrija jew il-konservazzjoni ta' risorsi naturali oħra ta' kull xorta jew ta' rikostruzzjoni ta' ħsara tal-gwerra; jew*
*(ii) ta' żvilupp jew titjib agrikolu li s-sid jew okkupant tal-art ikun ġie mitlub, u jkun mingħajr skuża raġonevoli u legali rrofta jew naqas li jagħmel.*

L-**Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea** jgħid:

*Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali.*
*Iżda d-disposizzjonijiet ta' qabel ma għandhom b'ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjetà skont l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni.*

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Il-Qorti tqis u tifhem illi dak illi Igaale qed jilmenta minnu, ossia, illi r-regolament jistabbilixxi piena arbitrarja, eċċessiva u disproprorzjonata, ġej mill-fatt illi l-piena hija pre-fissa u r-regolament ma jagħtix lok sabiex il-Qorti tikkunsidra piena oħra f'ċirkostanzi bħal, per eżempju, fejn l-akkużat jikkoopera, fejn jirriżulta illi l-flus għandhom oriġini leċiti, u fatturi potenzjali oħra li jistgħu jimmilitaw favur piena anqas għall-akkużat.

Il-Qorti tibda biex tirreferi għall-każ **Il-Pulizija (Spettur Oriana Spiteri) v. Miloud Elforjani**[2], referenza kostituzzjonali deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta, u li tat esposizzjoni akkademika sabiħa u dettaljata tal-proċedura tar-referenza, u tikkwota żewġ siltiet illi ser igħinu lil din il-Qorti tasal għar-risposta tagħha.

> *24. Minħabba f'hekk, il-qorti riferenti għandha tkun għaqlija u prudenti biżżejjed meta tiġi biex tiddeċiedi jekk għandhiex tibgħat kwistjoni lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew le. Il-qorti riferenti trid tkun ċerta li dik ir-referenza hija tabilħaqq meħtieġa sabiex hija tkun tista' tkompli twettaq ħidmietha. Referenza kostituzzjonali/konvenzjonali li ma tkunx ħa tħalli l-frott fl-eżitu tal-proċeduri quddiem il-qorti riferenti m'għandhiex issir mill-ewwel (ara Director of Public Registry v. Ahmad Aziz deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Jannar, 2022);*

> *29. Xogħol il-qorti li tirċievi r-referenza huwa illi twieġeb għall-mistoqsijiet magħmula lilha mill-qorti riferenti. Tassew mhuwiex mogħti lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew lill-Qorti Kostituzzjonali l-jedd li tiddeċiedi hi l-mertu tal-kawża li minnha tnisslet ir-referenza kostituzzjonali jew li toqgħod tagħti xi rimedju fl-eventwalità li ssib xi vjolazzjonijiet tal-jeddijiet fundamentali tal-bniedem (ara* ***Il-Pulizija v. Vincent Etienne Vella*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-6 ta' Ottubru, 2020 u* ***The Police v. Austine Eze et*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' Ottubru, 2013). Għalkemm irid jingħad ukoll li l-aħħar ġurisprudenza tgħid ukoll li ma hemm xejn xi jżomm lill-qorti b'setgħat kostituzzjonali li tagħmel kull osservazzjoni oħra li jidhrilha rilevanti għal risposta*[3] *sħiħa għad-domanda magħmula anke billi tqajjem hi kwistjonijiet ex officio (ara* ***Il-Pulizija (Spettur Kevin Pulis) v. Robert Agius*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fid-29 ta' Marzu, 2019 u* ***The Police (Inspector Keith Arnaud) v. Kristjan Zekic also kwown as Adhamjon Niyazov*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Mejju, 2019);*

Huwa għalhekk, illi fir-risposta tagħha lill-Qorti tal-Appell Kriminali, din il-Qorti qed iżomm quddiem għajnejha illi l-Qorti riferenti għandha bżonn ir-risposta sabiex hija tkun tista' tgħaddi għad-determinazzjoni tal-Appell li għandha quddiemha u li r-risposta li ser tingħata ser tkun fid-dawl tad-domanda magħmula, anke jekk, din il-Qorti, jekk tħoss opportun, tagħmel xi osservazzjoni oħra.

Issa d-domanda mressqa ġja ġiet riprodotta hawn aktar 'il fuq bil-lingwa Ingliża, u, in suċċint, din il-Qorti qed tintalab tara jekk l-appellant (fil-proċeduri kriminali), ossia, Ali Muuse Igaale, sofriex leżjoni/vjolazzjoni tad-drittijiet tiegħu sanċiti bl-Artikolu 1 tal-

[2] 115/2022CFS – 16.05.2022
[3] Sottolinear għall-emfasi

Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, minħabba allegata disproporzjonalità fil-piena, arbitrarjetà u nuqqas ta' diskrezzjoni tal-ġudikant tenut kont dak li jipprovdi r-regolament 3 tal-Ligi Sussidjarja 233.07 li tipprovdi għal piena fissa f'każ ta' ksur tal-istess regolamenti.

Din il-Qorti tibda' biex tgħid illi minn eżami tal-proċess kriminali li għadda minnu l-imsemmi Ali Muuse Igaale sa issa, huwa kien dejjem assistit. Kien imressaq quddiem il-Qorti f'Awwissu 2021, fejn huwa ddikjara ruħu "mhux ħati". Jirriżulta illi mbagħad nżammu seduti fl-10 ta' Settembru 2021 fejn ma deher ħadd, fit-22 ta' Settembru 2021 fejn tressqu provi tal-prosekuzzjoni, fid-29 ta' Settembru 2021, fit-28 ta' Ottubru 2021, fil-11 ta' Novembru 2021, fit-18 ta' Novembru 2021 għall-provi tal-prosekuzzjoni, f'din tal-aħħar saret id-dikjarazzjoni tal-egħluq tal-provi tal-prosekuzzjoni.

Illi l-kawża ġiet differita ghat-23 ta' Novembru 2021 għad-depożizzjoni tal-akkużat però dakinhar il-Qorti ma setgħetx tisma' l-kawża u l-kawża ġiet assenjata lil Maġistrat ieħor.

Inżammet seduta fit-13 ta' Mejju 2022 fejn kienu trattati xi talbiet tad-difiża u nżammet seduta oħra fit-18 ta' Awwissu 2022. Il-Qorti tħoss opportun illi tirriproduċi l-verbal ta' din is-seduta, f'liema seduta ngħatat sentenza.

Il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Awwissu 2022 igħid preċiżament hekk:

> *When the case was called there appeared the accused assisted by Dr Arhtur Azzopardi and Dr Francesca Zarb.*
>
> *There appeared Inspector Oriana Spiteri for the Prosecution.*
>
> *The accused informed the Court that he only understands Somali language. The Court therefore appoints Abdirashid Hamud Nadif, present in the hall, as an interpreter form Engkish to Somali and vice versa for the benefit of the accused. He made a solemn declaration on the Quran.*
>
> *The Defence informed the Court that the accused wishes to register a guilty plea.*
>
> *The Court informed the accused of the punishments relative to the charges with which he was accused.*

*The accused was informed that if he registered a guilty plea he could be condomned to pay €85,601.40 (€85,511.40 – multa based on the excess which was carrying at the time he was apprehended at the rate of 55% as established under subsidiary legislation 233.07 + €50 – multa).*

*At this stage the accused registered a guilty plea.*

*In view of the guilty plea of the accused, the Court asked the accused explicitly (1) whether he has had enough time to reconsider his plea; (2) whether he understands all charges pressed against him; (3) whether he understands the penalty related to each one of them; and (4) informed again the accused of the penalty/penalties for each of the accusations.*

*The Court, due to the guilty plea of the accused, suspended the hering and gave the accused the faculty to leave the hall and consult his counsels outside the hall.*

*Case postponed.*

*When the case was called again there appeared the accused assisted by Dr Arthur Azzopardi and Dr Francesca Zarb.*

*There appeared Inspector Orina Spiteri for Presecution.*

*There appeared Abdirashid Hamud Nadif, present in the hall, as an interpreter from English to Somali and vice-versa for the benefit of the accused. He made a solemn declaration on the Qoran.*

*After giving the accused time according to law, the Court asked again explicity the accused (1) whether he has enough time to reconsider his plea; (2) whether he understands all the charges pressed against him; (3) whether he understands the penalty related to each one of them; and (4) informed again the accused of the penalty/penalties for each of the accusation.*

*The accused answered the questions in the affirmative and confirmed his gilty plea.*

*The Court gave judgment.*

*The Case was decided.*

## Ikkunsidrat Ulterjorment:

Illi l-Qorti għamlet ampja referenza għall-verbal li wassal għas-sentenza appellata peress illi tpoġġi dan fil-kuntest ta' dak li tgħallimna l-Qorti Kostituzzjonali. Fil-każ **Danel Co. Ltd. (C 31182) vs L-Avukat tal-Istat et** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, Sede Kostituzzjonali fil-31 ta' Jannar 2023 u kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali, jingħad hekk:

> *<u>Minn jallega li d-drittijiet fundamentali tiegħu ġew leżi jeħtieġ qabel xejn li jipprova li seħħet tali leżjoni tad-dritt fundamentali tiegħu</u>. Tali dikjarazzjoni tidher li tirrapreżenta l-ovvju; pero' mhux hekk.*
>
> *Hija għalhekk fondata t-tieni eċċezzjon tal-Avukat tal-Istat illi dak li minnu qed tilmenta s-soċjeta' rikorrenti ma hux <u>xejn għajr riżultat ta' għażla ħielsa</u> li għamlet sabiex akkwistat proprjetà immobiljari bi prezz mill-aktar vantaġġju peress li kienet soġġetta għall-kirja protetta.*

L-istess fil-każ odjern, din il-Qorti tqis illi Ali Muuse Igaale ma ressaq ebda prova kwalsiasi dwar l-allegat leżjoni ta' dritt fondamentali tiegħu. Lanqas ma ressaq provi dwar fatti li f'ċirkostanzi oħra fejn ġudikant ikollu diskrezzjoni, tali fatti kienu jimmilitaw favuru.

Il-Qorti hija komda tikkonkludi li mill-atti jirriżulta illi l-piena inflitta fuqu wara l-ammissjoni tiegħu kienet għażla ħielsa illi huwa għamel, peress illi qabel ma kkonferma l-ħtija tiegħu, il-Qorti kienet spjegatlu ċar hafna x'kienet il-multa illi kien ser jeħel jekk jikkonferma tali ħtija. Madanakollu, huwa għażel li jikkonferma l-ħtija, per konsegwenza jeħel il-multa inflitta, li kien jaf ben tajjeb x'kienet ser tkun u dan kollha mingħajr ma għamel ebda riżerva kwalsiasi. Ukoll, jirriżulta illi huwa kellu l-Avukati miegħu u wkoll, kien hemm l-interpretu maħtur sabiex ikun assigurat illi lanqas xkiel tal-lingwa ma jkun hemm.

Il-Qorti ma għandiex wisq xi żżid ħlief illi tosserva illi ma hemmx dubju illi l-imputat kien jaf ben tajjeb għal-liema piena kienet ser twassal l-ammissjoni tiegħu. Tosserva wkoll illi ma saru ebda osservazzjonijiet mid-difiża fir-rigward tal-piena u wisq anqas saru riżervi mill-istess difiża fir-rigward tal-istess piena. Huwa għalhekk illi l-Qorti tikkonkludi illi l-piena illi weħel Ali Muuse Igaale jista' jingħad illi kienet anke għażla tiegħu – fis-sens illi huwa għażel liberament li jammetti l-akkużi u konsegwentement jeħel dik il-multa.

Anzi l-Qorti tosserva illi fis-sentenza appellata kif mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-18 ta' Awwissu 2022 jingħad hekk:

> *That in pronouncing its judgement the Court is hereby taking into consideration the nature and gravity of the accusation with which he is charged, the clean conviction sheet of the accused.*

Din il-Qorti trid tosserva wkoll illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat id-deċiżjoni tagħha u l-piena skont il-liġi fid-dawl tal-akkużi li kien qed jaffaċċja l-akkużat u l-ammissjoni minnu mressqa. Huwa paċifiku jingħad illi huwa nstab hati, fuq ammissjoni, tal-akkuża waħdanija li kien akkużat biha – dik tal-ksur tar-regolamenti.

Din il-Qorti tosserva wkoll però illi din l-ammissjoni saret sena wara l-bidu tal-proċeduri u nżammu fil-frattemp numru ta' seduti u l-prosekuzzjoni kienet għalqet il-provi tagħha. Tosserva wkoll illi anke fil-kors tal-investigazzjoni, kien biss meta saret tfittxija illi nstabu ammont sostanzjali ta' *cash* fil-bagalja, għaliex meta kien qabel mistoqsi, huwa kien wieġeb illi m'għandux aktar *cash* minn dak li kien diġà nstab fuqu.

Dawn l-osservazzjonijiet, il-Qorti qed tagħmilhom fid-dawl tas-sottomissjonijiet magħmula minn Ali Muuse Igaale meta ssottometta illi l-Qorti hija prekluża milli tikkunsidra l-oriġini tal-flus maqbuda, l-intenzjoni malizzjuża o meno u l-ħsara li tkun saret lill-Istat. Il-Qorti trid iżżid tosserva illi dak li r-regolament jimponi piena għaliha huwa biss ir-reat, il-fatt, illi persuna toħroġ jew idaħħal somom ta' flus aktar mil-limitu stabbilit bl-istess regolament, mingħajr ma jkunu saru d-dikjarazzjonijiet relattivi. Għalhekk, din il-Qorti tqis illi sors tal-fondi, intenzjoni jew ħaġa oħra huwa rrelevanti għall-finijiet tar-reat maħsub bir-regolamenti u dak li tiegħu l-akkużat instab ħati. Għalhekk illi din il-Qorti ma tabbraċċjax is-sottomissjoni ta' Ali Muuse Igaale illi l-fatt illi ma nġiebet ebda prova ta' sors illeċitu tal-flus kellha timmilita biex ikun hemm l-opportunità illi huwa jeħel piena anqas, liema opportunità r-regolament jċaħħadha.

Fil-kuntest tar-reat *de quo*, il-Qorti tqis illi jew jirriżulta jew ma jirriżultax illi persuna ttenta jivvjaġġa b'fondi fil-pussess tiegħu aktar mil-limitu. U jekk persuna jittenta jaghmel dan mingħajr ma jagħmel id-dikjarazzjoni neċessarja mal-awtoritajiet, allura jeħel il-piena stabbilita.

Il-Qorti tqis ukoll illi aktar ma l-ammont ttentat li joħroġ minn Malta jew jidħol Malta mingħajr dikjarazzjonijiet neċessarji jkun kbir, akbar ser jidher l-ammont ta' piena – imma l-Qorti tabbraċċja l-argument mressaq mill-Avukat tal-Istat illi l-ammont jibqa' wieħed perċentwali, u allura konformi għal kulħadd l-istess. Il-kobor o meno tal-ammont ta' multa huwa biss relattiv għall-ammont ta' flus illi jkunu qed jiġu ttentati joħorġu jew jidħlu waqt illi jkun qed jiġi kommess ir-reat. Akbar ma jkun l-ammont mertu tar-reat, aktar tkun il-multa.

Huwa għalhekk illi għal finijiet tar-risposta ta' din il-Qorti għad-domanda mressqa mill-Qorti tal-Appell, jingħad illi l-appellant fil-proċeduri kriminali, Ali Muuse Igaale <u>ma sofra minn ebda</u> leżjoni/vjolazzjoni tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem u lanqas tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

**Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti qiegħda twieġeb għar-referenza magħmula lilha mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-21 ta' Marzu, 2023, billi tgħid illi l-hemmhekk appellant, Ali Muuse Igaale, ma sofra ebda leżjoni/vjolazzjoni ta' drittijiet fondamentali tieghu kif sanċiti fl-Ewwel Artiklu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta minħabba allegat disproporzjonalità fil-piena, arbitrarjetà legali u nuqqas ta' diskrezzjoni tal-ġudikant bħala riżultat ta' dak li jipprovdi r-regolament 3(5)(b) tal-Liġi Sussidjarja 233.07 tal-Liġijiet ta' Malta (Cash Control Regulations).**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjeż marbuta ma' din ir-referenza kostituzzjonali għandhom jiġu sopportati minn Ali Muuse Igaale.**

**Kopja formali ta' din is-sentenza għandha tiddaħħal fl-atti tal-kawża kriminali 518/2021NC fl-ismijiet Pulizija (Spettur Oriana Spiteri) vs Ali Muuse Igaale, pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali.**

**vff**

| | |
|---|---|
| **Onor. Ian Spiteri Bailey** | **Amanda Cassar** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |